KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 12**

**L-Erbgħa, 12 ta' Marzu 2025**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr. Alessia Psaila Zammit | Contracts Manager |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**12.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**12.01.01** Xejn.

**12.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 11)**

**12.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 11.

**12.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana, u sekondat mill-Kunsillier Karel Zahra, il-minuti ta' seduta 11 ġew approvati unanimament.

**12.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**12.03.01** *Automatic license plate reader (ALPR)*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hekk kif wasalna fil-qrib li jiġi ppubblikat, għat-tieni darba, it-tender tal-parkeġġ tal-Freeport, inġabret kwotazzjoni mingħand l-istess supplier, li diġà qed jipprovdilna servizzi ta' sigurtà ġewwa dan il-parkeġġ, sabiex dan il-parkeġġ ikollu sistema awtomatika li taqra l-pjanċi tal-karozzi. Din il-kwotazzjoni tammonta għal €4,019.78. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**12.03.02** *4 CCTVs mad-dawra taż-żewġ latrini*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li tlabna għal 3 kwotazzjonijiet sabiex jitwaħħlu 2 CCTVs mad-dawra ta' barra tal-latrina ta' San Ġorġ u 2 CCTVs għal-latrina ta' Wied il-Buni sabiex tiġi żgurata s-sigurtà fuq il-ħaddiema tal-latrini kif ukoll f'każ ta' vandaliżmu. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €1,506.86 għall-erba' kameras. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**12.03.03** *3 laptops*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn jinbidlu l-laptops tal-istaff l-antik. Inġabru 3 kwotazzjonijiet, bl-orħos waħda tkun dik A, li tammonta għal €1,225 għal kull laptop. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**12.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**12.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hu flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana kellhom laqgħa oħra mal-perit rigward il-pjanti tal-berġa. Bħalissa l-perit qed jaġġorna l-pjanti. Intalab ukoll il-BOQ tax-xogħlijiet sabiex jibda l-proċess tas-sottomissjonijiet għad-development funds sabiex jekk ikun baqa' l-fondi jiġu dedikati għal proġett ieħor.

**12.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li rigward l-iżvilupp fiż-żona tal-Girgħien hemm xi fondi li għadhom iridu jiġu approvati.

**12.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li nbeda l-proċess mal-perit tal-Kunsill sabiex japplika għad-devoluzzjoni għar-razzett ta' Sjettu u l-art ta' biswit ir-razzett, però se jkollna perit ġdid għax dak attwali mhux se jibqa' jokkupa l-kariga mal-istess perit li huwa assenjat miegħu għalhekk il-proċess jaf jieħu iktar żmien sakemm ikollna kollox aġġornat.

**12.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li x-xogħlijiet fi Triq Birżebbuġa se jibdew nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Marzu 2025, fejn partijiet minn din it-triq se jkunu magħluqa. Hekk

kif din it-triq mhux se tkun aċċessibbli, entitajiet oħra li għandhom bżonn jaħdmu fl-istess triq se jieħdu l-opportunità sabiex jagħmlu x-xogħol tagħhom ukoll. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li data u żmien ta' meta se jitlestew ix-xogħlijiet għad m'hemmx. Bħala parti mix-xogħlijiet li se jsiru fi Triq Birżebbuġa se ssir ukoll rikostruzzjoni ta' Triq in-Noqra.

**12.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Alex Caruana sabiex jagħti aġġornament tax-xogħlijiet li se jsiru. Il-Kunsillier Alex Caruana spjega rigward il-proġett tax-xatt mill-WSC. Huwa ltaqa' mal-project manager billi x-xogħol mhux isir u qed ikun hemm ħafna lmenti mir-residenti. Spjega wkoll li biex ma jintremiex l-ilma dirett fil-baħar se jagħmlu sistema ta' filtering. Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa qed jagħmel il-pressjoni kollha li jista' biex ix-xogħol isir kemm jista' jkun malajr. Il-Kunsill se jitlob għal laqgħat perjodiċi mal-awtoritajiet u l-kuntrattur biex jara li x-xogħol jibqa' miexi skont il-pjan.

**12.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana daru ma' uffiċjali tal-PWD fit-toroq minħabba żoni fejn irid isir xogħol ta' patching. Semma li bħalissa għaddej ukoll xogħol fi Triq iż-Żebbuġ u talbuhom ukoll sabiex isiru n-naħat t'hemm billi jeħtieġ li jsiru bankini ġodda u sabiex iduru numru ta' potholes li hemm. Is-Sindku Scott Camilleri semma wkoll li l-Kunsill għandu garaxx żgħir f'Tal-Papa fejn dan għadu bit-torba u għalhekk talbu lill-PWD sabiex jirranġawh ħalli b'hekk ikun jista' jitqassam aħjar u jsir workshop żgħir fih.

**12.04.07** Is-Sindku Scott Camilleri flimkien mal-Kunsillier Ivan Abela Grech, is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat u l-Community Policing Team fuq numru ta' bye-laws li jridu jiġu aġġornati. Wara diskussjoni libera, fejn tkellmu fuq tat-tined, l-oġġetti tal-iżgombru, u l-konsum tal-alkoħol barra, ġie deċiż li l-Kunsill Lokali se jagħmel eżerċizzju li bih jaġġorna wħud mill-bye-laws fejn il-proposti se jiġu mressqa fis-seduta t'April.

**12.04.08** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-kuntratt mal-GreenPak dwar l-iBins. Rigward dawk tal-Qajjenza, fi Triq FM Ferretti hemm bżonn tittieħed deċiżjoni dwar x'se jsir minnhom, billi issa ġew quddiem residenzi privati. Wara li rajna li ma fadalx post vakanti għal dawn l-iBins, peress li ż-żona hi kollha żviluppata, il-Kunsill qabel li dawk ta' Triq FM Ferretti jiġu mneħħija għaliex issa se jkunu direttament quddiem residenzi privati. Fl-istess ħin il-Kunsill Lokali se jkun qed jiddiskuti mal-entitajiet konċernati biex il-bins fi Triq il-Merżuq jiġu mċaqalqa għal ftit iktar 'il fuq minn fejn jinsabu bħalissa.

## 12.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**12.05.01** Il-Kunsillier Alex Caruana ressaq mistoqsija dwar il-parkeġġi ta' Triq il-Barrieri. Huwa xtaq ikun jaf għaliex qed jiġi mistoqsi minn xi residenti r-raġuni l-għala tnaqqsu l-parkeġġi fl-imsemmija triq. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li għal din ir-raġuni kellna talba għax mill-garaxx ta' faċċata ta' dan il-parkeġġ, kif ukoll mill-binja biswitu, ir-residenti ma jistgħux jidħlu u joħorġu mill-propjetajiet tagħhom. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa l-għala ma saritx applikazzjoni ma' TM u li fil-fehma tiegħu xorta kien hemm spazju tajjeb bil-parking bay li kien hemm. Għaldaqstant, se ssir applikazzjoni ma' TM.

**12.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar ir-rezoning tal-ex depot tal-gass. Huwa xtaq ikun jaf li issa li l-permess għar-rezoning tal-ex depot tal-gass tal-

Qajjenza ġie approvat, jekk sarux diskussjonijiet mal-Enemalta jew ma' awtoritajiet oħra dwar:

- a) jekk waqt ix-xogħlijiet tal-bini f'din iż-żona hux se tiġi identifikata żona oħra bħala parkeġġ għan-nies tal-Qajjenza;
- b) jekk in-nies tal-Qajjenza jkunux jistgħu jużaw il-parkeġġ propost meta jitlesta x-xogħol u jekk hux se jkun bi ħlas;
- ċ) jekk hux minnu li se tingħata parti mill-uffiċini lill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, u jekk iva, hemmx dettalji dwar dan.

*Hawnhekk, il-Kunsilliera Maria Mifsud ħarġet mis-seduta minħabba kunflitt t'interess.*

Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li rigward dawn il-mistoqsijiet jissuġġerixxi li ssir laqgħa mat-tmexxija tal-Enemalta u fl-istess laqgħa nitolbu sabiex ikollna risposta dwar it-talba li saret rigward id-dgħajjes tas-sajjieda. Ġie deċiż li ssir laqgħa maċ-Chairman tal-Enemalta s-Sur Ryan Fava sabiex naraw kif se jiżvolġi l-proġett, timelines, u x'hemm pjanat fiż-żona.

*Il-Kunsilliera Maria Mifsud daħlet lura fis-seduta.*

**12.05.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar ix-xogħlijiet fil-promenade. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill Lokali jistax jaqsam dawn li ġejjin:

- a) il-pjan tal-proġett ta' dawn ix-xogħlijiet kif maqbul bejn il-kuntrattur u l-entitajiet konċernati;
- b) aġġornament dwar kif dawn ix-xogħlijiet mixjin skont dawn il-pjanijiet;
- ċ) jekk hemm xi diskrepanzi.

Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li ngħatat risposta waqt il-parti tal-komunikazzjoni mis-Sindku għal dawn il-mistoqsijiet. Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa li trid issir talba sabiex ikollna aġġornament kull ġimagħtejn dwar il-progress ta' dawn ix-xogħlijiet.

**12.05.04** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar Wesgħa Carmelo Caruana. Huwa semma li fl-imsemmija wesgħa hemm numru ta' stabbilimenti li talbu permess sabiex ibiddlu u jkabbru ż-żona li jużaw fuq barra. Apparti dan, mhux l-ewwel darba li mwejjed u siġġijiet ħarġu barra mil-limitu u telgħu fuq il-promenade kif ukoll ġieli ħarġu fil-parkeġġi ta' quddiem Triq San Edwardu. Huwa staqsa jekk bħala Kunsill tistax issir talba biex isiru spezzjonijiet min-naħa tal-MTA sabiex f'din iż-żona jiġi infurzat il-limitu ta' kemm suppost joħorġu mwejjed u siġġijiet barra. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li idealment, apparti mill-involviment tal-MTA, il-Kunsill għandu jkun jaf legalment x'suppost ikun hemm fiż-żona. Il-Kunsillier Alex Caruana intervjena billi qal li hu kien diġà talab għal din l-informazzjoni u kien diġà ġab parti minnha imma qal li din għandha tintalab mill-Kunsill u mhux minnu personali. Huwa semma wkoll li dawn għandhom ikunu simili għal ta' barra minn Malta, fejn dawn ikollhom tip ta' fence bħala gwida. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li għandha ssir talba uffiċjali mill-Kunsill lill-MTA sabiex issir spezzjoni taż-żona u jaġġornawna dwar x'inhu jsir min-naħa tagħhom.

**12.05.05** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar id-development fund. Huwa qal li fis-seduta numru 8, li saret fl-4 ta' Diċembru 2024, kien staqsa dwar dan il-fond u kif bħala Kunsill konna se nallokaw dawn il-fondi fuq il-proġetti li għandna f'dawn il-5

snin. Huwa xtaq ikun jaf jekk jistax jiċċekkja jekk sarx ix-xogħol neċessarju biex naraw kif se jiġu allokati l-fondi li jibqa' wara l-proġett taċ-ċentru tal-komunità u l-pitch tal-water polo. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li ġew allokati €212,000 għal proġett ta' tisħin tal-pitch, li għandu jkun lest fix-xhur li ġejjin. Rigward iċ-ċentru ċiviku semma li talab lill-perit li qed jieħu ħsieb l-istess proġett sabiex joħroġ BoQ ħalli jibda l-proċess tal-applikazzjoni tal-fondi.

**12.05.06** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-kappella tas-Sagra Familja. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jingħata aġġornament dwar ix-xogħol li kellu jsir fuq il-portiku tal-kappella tas-Sagra Familja fi Triq iż-Żurrieq. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li rridu nibagħtu lill-PWD fuq dan il-proġett.

## 12.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**12.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Frar 2025 kif ukoll ta aġġornament tax-xogħlijiet.

**12.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar is-sejħa għall-offerti tal-photocopier billi skada s-servizz tagħha. Huwa ssuġġerixxa li tinkera waħda, bħalma diġà għandna fl-uffiċċju ta' fuq, minflok tinxtara, għax wara li saru l-workings l-ispiża ġiet ferm inqas. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni u għalhekk se toħroġ sejħa sabiex tinkera.

**12.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hu flimkien mal-Uffiċjal Eżekuttiv Anabelle Sarreo kisbu diploma fil-ġestjoni pubblika u l-governanza u talab sabiex jibda jingħatalhom il-qualification allowance marbut magħha. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan.

## 12.07 Korrispondenza

**12.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsillier Darren Mark Debono flimkien mal-Kunsillier Ivan Abela Grech ħadmu fuq il-pjan ta' sigurtà tal-monti. Il-Kunsillier Darren Mark Debono spjega li mar fuq il-post flimkien mal-Kunsillier Ivan Abela Grech u s-surġent tal-komunità, fejn identifikaw il-problemi li hemm. Spjega li hemm tabelli/sinjali li jridu jitranġaw jew jinbidlilhom il-post u jridu jsiru l-bollards. Għalhekk, fil-ġimgħat li ġejjin is-Sindku Scott Camilleri flimkien mal-foreman se jibda x-xogħol biex dawn jiġu implimentati.

**12.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsilliera Maria Mifsud ġibdet l-attenzjoni li trid issir manutenzjoni fis-central strip tal-Qajjenza. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kellimna l-Cleansing rigward il-ħaxix u dwar manutenzjoni tas-central strip daħħalna r-rapport fil-framework tal-PWD.

**12.07.03** Il-Kunsillier Karel Zahra semma li ntlabna l-għajnuna fil-ħlasijiet tas-sala minn ZAK, li se jkunu qed itellgħu l-pagaent tal-Ġimgħa l-Kbira. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat saħaq li din tiġi aċċettata biss jekk dawn jaċċettaw li l-attività tkun konġunta mal-Kunsill Lokali Birżebbuġa.

## 12.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**12.08.01** Xejn.

## 12.09 Garaxx fi Triq Dawret il-Qalb Imqaddsa

**12.09.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fit-12 ta' Mejju 2025 se jiskadi l-kuntratt tal-kera tal-garaxx li għandu l-Kunsill f'Dawret il-Qalb Imqaddsa. Is-Sindku Scott Camilleri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat u l-Contracts Manager tal-Kunsill Dr Alessia Psaila Zammit iltaqgħu mas-sid fejn dan jixtieq li jġedded però l-kera tiżdied minn €5,400 għal €6,000 fis-sena. Hu wkoll tana l-għażla li minflok għal tliet snin, dan ikun fuq ħames snin. Iċċekkjajna jekk fil-viċinanzi tal-Kunsill hawnx garaxxijiet simili għall-kiri, però rriżulta li m'hawn xejn vakanti. Għalhekk, sabiex il-makkinarju, ir-riżorsi tal-ħaddiema, u l-vettura tal-Kunsill ma jispiċċawx barra, il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li jġeddu din il-kera skont kif propost mis-sid u li l-kuntratt isir għal 5 snin.

## 12.10 Memorandum of Understanding mal-Cleansing & Maintenance Department

**12.10.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hekk kif il-kuntratt li kellna mal-kuntrattur li jieħu ħsieb il-latrini skada, u hekk kif ġie maqbul qabel, il-latrini issa qed jieħdu ħsiebhom il-Cleansing & Maintenance Department wara li dawn urew l-interess li jibdew jieħdu ħsiebhom huma. Il-ħlas lill-Cleansing se jkun skont l-allokazzjoni li jagħti l-Gvern lill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa biex nieħdu ħsieb il-latrini. Dawn dejjem se jkun hemm attendant magħhom fiż-żewġ latrini bit-tindif ikun iżjed frekwenti u aħjar milli kien fis-snin li għaddew. Spjega wkoll li fejn ikun hemm sigħat ta' sahra jrid jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill. Kopja tal-ftehim tpoġġiet fuq il-mejda tal-kamra. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

## 12.11 Proġetti, Attivitajiet u Skemi

**12.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament rigward Festa Bengħajsa fejn semma li flimkien mal-Kunsillier Karel Zahra daru l-programm il-ġimgħa ta' qabel mal-manager tal-loġisitika ta' din l-attività. Spjega li bħala programm huwa maħseb li se jibda fit-07:45 u jiġi fi tmiemu għall-ħabta tas-14:30. Se jkun hemm re-enactment tat-Tieni Gwerra Dinjija, tberik tal-annimali, kant, stands tal-għaqdiet volontarji sabiex jesebixxu x-xogħol tagħhom u jbigħu xi prodotti biex jagħmlu fund raising mill-attività. Fis-seduta li jmiss se jkun qed jattendi l-organiser tal-attività.

**12.11.02** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Karel Zahra jagħti deskrizzjoni tal-iskemi pendenti. Huwa semma dawn:

1. *<u>SPI/SCI/2/2025 – Espressjoni ta' Interess – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026</u>*
   - Il-Kunsill Lokali qabel li napplikaw għal din l-iskema u tkun simili għal Festa Bengħajsa li se ssir f'Mejju li ġej. Għal din l-attività hemm fond ta' €15,000. Is-Sindku Scott Camilleri flimkien mas-sottokumitat tal-attivitajiet se jkunu qed jieħdu ħsieb din l-iskema.
2. *<u>SPI/SCI/3/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet Aktar Nodfa</u>*
   - Din l-attività trid issir bejn l-1 ta' Settembru u t-30 ta' Settembru 2025. Bħala fond hemm €1,500 għal kull raħal. Bħala data se tinżamm l-istess tal-

World Clean-Up Day. Il-Kunsill Lokali qabel li napplikaw għal din l-iskema u l-post se jkun Għar Ħasan. Il-Kunsilliera Maria Mifsud se tkun qed tieħu ħsieb din l-iskema.

3. *SPI/SCI/4/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025*
   - Il-Kunsill Lokali qabel li jsiru diskussjonijiet mal-kappillan dwar jekk il-Kunsill hux se jkun aċċettat biex ikun parteċipi fl-attività Milied fil-Pjazza. Il-Kunsillier Karel Zahra se jkun qed jieħu ħsieb jitkellem mal-kappillan.
4. *SPI/SCI/5/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026*
   - Se ssir talba lill-iskola sabiex tiġi kordinata attività l-Ġimgħa filgħodu billi din is-sena ma kienx hemm konkorrenza. Il-Kunsillier Karel Zahra se jkun qed jieħu ħsieb din l-iskema.
5. *SPI/SCI/8/2025 – Espressjoni ta' Interess – Tagħna Tfal Skema Ulied il-Kunsilliera – Għajnuna Finanzjarja għal Servizzi ta' Kura tat-Tfal (Child Minding)*
   - Wara diskussjoni bejn dawk kollha preżenti, il-Kunsill Lokali qabel unanimament li ma napplikawx għal din l-iskema.

**12.11.03** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar lill-Kunsilliera Maria Mifsud sabiex tidentifika fejn se jiġu allokati s-siġar taċ-ċitru u taż-żebbuġ li hemm marbutin mal-iskema.

## 12.12 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**12.12.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda tal-pagamenti.

*Petty cash:*

**12.12.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Ivan Abela Grech, u sekondat mill-Kunsilliera Rohasia Zammit, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 12.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**12.13.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19:25 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 12 ta' Marzu 2025, fis-19:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 9 t'April 2025.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |